MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 448/1984/1

Concetta mart Nazzareno Debono u b'digriet l-atti gew trasfuzi favur Nazzareno Debono, u b'digriet tal-24 ta' Settembru 1998 l-atti gew trasfuzi f'isem Pasquale Debono u Mary armla ta' George Micallef, Giovanna mart Nazzareno Vassallo, Carmela mart Rocco Debono, Avukat Dr. Joseph Fenech Adami bhala prokuratur ta' l-imsiefrin Domenica sive Monica mart Eric Stansfield u Teresa mart Costantino Debono
vs
Giomaria Vella, Vincenzo Vella f'ismu u bhala prokuratur ta' huh l-imsiefer Emmanuel Vella

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

1. Illi Joseph Vella, missier il-kontendenti miet fl-20 ta’ Ottubru, 1970 (Dok. X) u martu Marianna mietet fi Frar, 1980.

2. Illi Joseph Vella skond it-testmenti tieghu Dok. A,B,C wara li halla diversi legati, halla b’eredi tieghu lill-partijiet kontendenti, waqt li Mirianna Vella, skond it-testmenti taghha Dok. A,D,E,F, halliet diversi legati u halliet b’eredi lil uliedha kollha barra Concetta Debono u uzufrutt ta’ l-ottava parti lill-istess Concetta Debono.

3. Illi l-atturi ma riedux jibqghu fi stat ta’ komunjoni mal-konvenuti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1 Tigi likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia esistenti bejn Giuseppi u Marianna konjugi Vella fuq imsemmija.

2 L-istess komunjoni tigi diviza f’zewg porzjonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi partikolari ta’ Giuseppi Vella u l-ohra lill-assi partikolari ta’ Marianna Vella.

3 Jigi likwidat l-assi partikolari ta’ Giuseppi Vella billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni fuq imsemmi u f’dawk il-beni li kienu rrizultaw waqt il-kawza.

4 Jigi likwidat l-assi partikolari ta’ Marianna Vella billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni fuq imsemmi u f’dawk il-beni li kienu rrizultaw waqt il-kawza.

5 L-assi ta’ Giuseppi Vella wara li jithallsu l-legati jigi diviz fi tmien partijiet ugwali u kull wahda minnhom assenjata lill-partijiet kontendenti.

6 L-assi ta’ Marianna Vella, wara li jithallsu l-legati jigi diviz fi tmien partijiet ugwali li l-uzufrutt ta’ parti minnhom tigi assenjata lill-konvenuta Concetta u n-nuda proprjeta` ta’ din l-istess parti assenjat lis-seba` kontendenti l-ohra fi kwota indaqs bejniethom, waqt li s-

seba` ottavi l-ohra ta' l-istess Marianna Vella jigu assenjati wahda kull wiehed lill-kontendenti barra Concetta Debono

7 Jigu nominati periti ghall-likwidazzjonijiet u divizjonijiet necessarji, Nutar biex jippublika l-att opportun, u kuratur ghall-kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Gio Maria Vella li biha eccepixxa:

Illi huwa ma kienx qed joggezzjona ghad-divizjoni u likwidazjoni tal-assi patern u matern kollox kif kien mitlub fic-citazzjoni, salv verifika tal-kwoti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi Giovanna Vassallo u Carmela Debono li kkonfermaw illi missierhom Giuseppi Vella miet fl-20 ta' Ottubru, 1970 u martu Marianna mietet fis-7 ta' Frar, 1980. Illi huma kienu ghamlu t-testmenti Dok. A,B,C,D,E,F li gew annessi. Huma ma riedux jibqghu fi stat ta' komunjoni u ghalhekk kienu qed jaghmlu din il-kawza ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri taghhom fuq imsemmija.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Gio Maria Vella li fiha semma li huwa kien dejjem favur il-likwidazzjoni u divizjoni tal-beni tal-genituri tieghu kif kien mitlub mill-atturi u ghaldaqstant ma kienx qed jopponi ruhu.

Rat id-digriet tal-15 ta’ Dicembru 1994 li bih Dr. Tonio Mallia gie nominat bhala Perit Legali in sostituzzjoni ta’ Dr. G. Caruana Demajo li gie elevat ghall-gudikatura. Rat in-nomina ta’ Dr. Aldo Vella.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Mejju 1998 li bih il-Perit Albert Fenech gie nominat bhala perit tekniku in sostituzzjoni tal-perit Genovese.

Rat ir-rapport tal-A.I.C. Jos. L. Genovese li fih issemma:
Nru 354, Triq il-Kbira – Mosta bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm1000.

Nru 356, Triq il-Kbira – Mosta bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm1200.

Nru 358 Triq il-Kbira – Mosta bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm4000.

Nru 1, Triq Bingemma, limiti Mgarr bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm1000.

Nru 1A, Triq Bingemma – limiti Mgarr bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm4000.

“Id-dar ta’ Barra” Triq Bingemma – limiti Mgarr bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm150.

“Id-dar ta’ Gewwa” Triq Bingemma – limiti Mgarr bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm150.

“Id-dar ta’ Fuq” Triq Bingemma – limiti Mgarr bil-valur ta’ dan il-fond bis-somma ta’ Lm100.

Ghalqa Tal-Busbezija, limiti Mosta bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm.q.40.

Ghalqa “Ta’ Isfel” fil-kontrada Tal- Blajjet limiti Zebbieh bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm400.

Ghalqa “Ta’ Isfel” fil-kontrada Tal- Blajjet limiti Zebbieh bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm190.

Ghelieqi “Tan-Nofs” fil-kontrada Tal- Blajjet limiti Zebbieh bil-valur ta’ dwan it-tlett ghelieqi flimkien bis-somma ta’ Lm100.

Ghelieqi “Ta’ Fuq” fil-kontrada Tal- Blajjet limiti Zebbieh bil-valur ta’ dwan il-hames ghelieqi flimkien bis-somma ta’ Lm90.

Ghalqa “Tal-Hajjes” Bingemma limiti Mgarr bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm50.

Ghalqa “Tal-Hotba” kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm460.

Ghalqa “Tal-Hotba” kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm50.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm300.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din il-ghalqa bis-somma ta’ Lm.q.50.

Ghalqa “Ta’ Fuq L-Ghar” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din l-ghalqa bis-somma ta’ Lm300.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din l-ghalqa bis-somma ta’ Lm.q.50.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din l-ghalqa bis-somma ta’ Lm300.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din l-ghalqa bis-somma ta’ Lm150.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din l-ghalqa bis-somma ta’ Lm150.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ din l-ghalqa bis-somma ta’ Lm150.

Ghalqa “Tal-Hames Sighan” fil-kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ Lm125.

Ghalqa “Tat-Tafal” kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ Lm125.

Ghalqa “Tat-Tafal” kontrada Tat-tafal – Bingemma bil-valur ta’ Lm85.

Ghalqa “Tat-Tafal” fil-kontrada “Tat-Tafal” – Bingemma bil-valur ta’ Lm65.

Ghalqa “Tal-Irdum” kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ Lm120.

Ghalqa “Tal-Irdum” kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ Lm120.

Ghelieqi “Tat-Tafal” kontrada Tat-Tafal – Bingemma bil-valur ta’ Lm450.”

Rat id-digriet tad-29 ta’ Jannar 2002 li bih giet nominata Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali in sostituzzjoni ta’ Dr. Tonio Mallia li gie elevat ghall-gudikatura.

Jirrizulta li r-rapport tal-Perit Genovese kien sar xi 22 sena qabel, u jikkonsisti f’deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fondi u l-ghelieqi li jiffurmaw parti mill-eredita` ta’ Giuseppi Vella u Marianna Vella, il-genituri tal-kontendenti u billi ghadda hafna zmien il-Perit Albert Fenech kien gie nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta bil-kompitu li jivverifika u jaggorna l-istess stimi.

Rat ukoll relazzjoni maghmula mil-<u>A.I.C Albert Fenech</u> li fiha kien hemm il-valuri:
<u>“Valutazzjoni tal-fondi</u>

25. Wara li ha in konsiderazzjoni l-lokalita` u l-kobor tal-fondi deskritti, l-istat taghhom, iz-zmien prezenti u c-cirkostanzi l-ohra kollha relevanti, ghal kull provvediment li din l-Onorrabli Qorti joghgobha tiehu, l-esponent jistma il-fond in kwistjoni, kif debitament gja` deskritti, kif indikat hawn taht:

**1. Numru: 254, Triq il-Kbira, Mosta**
**Lm 5500.**
**2. Numru: 256, Triq il-Kbira, Mosta**
**Lm 7500.**
**3. Numru: 258, Triq il-Kbira Mosta**
**Lm 20000.**
**4. Numru: 1, Triq Bingemma, Bingemma**
**Lm 12000.**
**5. Numru: 1A, Tiq Bingemma, Bingemma**
**Lm 18000.**
**6. "Id-Dar ta' Barra", Sqaq fi Triq Bingemma**
**Lm 4000.**
**Bingemma**
**7. "Id-Dar ta' Gewwa", Sqaq fi Triq Bingemma**
**Lm 4000.**
**Bingemma**
**8. "Id-Dar ta' Fuq", Sqaq fi Triq Bingemma**
**Lm 3000.**
**Bingemma**

26. Kif gja` inghad f'para. 15 ta' din ir-relazzjoni, u kif jidher mill-valutazzjoni hawn fuq indikata, m'hux pratikabbli li kull wiehed mit-tmien fondi disponibbli jigi allokat f'kull wiehed mit-tmien porzjonijiet assenjablli, minhabba id-differenza sostanzjali li hemm fil-valur relattiv, ghax tkun involuta ekwiparazzjoni sproporzjonata.

27.Barra min hekk, hemm il-problema li wiehed mill-konvenuti jghix mal-familja tieghu fil-fond Numru: 1A, Triq Bingemma, Bingemma, bil-htiega li jkollha tinbena il-parti tal-hajt divizjorju ta' mal-fond adjacenti Numru: 1, flok fejn hemm partition b'aperturi, u fejn hemm bitha interna u l-hajt divizorju jinsab nieqes.

28.Ghalhekk, fl-opinjoni tal-esponent, il-konvenut Gio Maria Vella ghandu jinghata l-fakolta` li jakwista l-ishma tal-partijiet l-ohra tal-imsemmi fond Numru: 1A, bil-prezz ta' l-istima stabbilita; waqt li l-fondi l-ohra kollha jinbieghu b'subasta.
Iz-zewg fondi Numru: 1 u Numru: 1A, Triq Bingemma, Bingemma, huma indikati fuq il-pjanta Dok. P5…

<u>Valutazzjoni tal-Ghelieqi.</u>

30.L-ghelieqi kollha involuti m'humiex klassifikati bhala art fabbrikabbli, ghax kollha kemm huma jinsabu f'zona agrikola; u ghalhekk wara li ha in konsiderazzjoni, il-kobor u l-lokalita' fejn jinsabu, il-facilita` jew diffikulta ta' access ghalihom, id-dritt ta' passagg minn fuq l-art ta' terzi, l-esponent jistma' l-ghelieqi in kwistjoni, indikati fuq il-pjanti annessi Dok. P1 Dok. P2, Dok. P3 u Dok.P4, kif gew indikati lilu, u kif kienu gew indikati wkoll lill-Perit Tekniku l-A.I.C. Joseph Genovese, kif elenkat hawn taht:

**9. "Tal-Busbesija", limiti Mosta**
cirka 1T.2S.0K. - 1499 metru kwadru Lm 1400.

**10. "Ta' isfel", Tal-Blajjet, limiti Zebbiegh**
cirka 1T.5S.4K. - 2136 metru kwadru
**11. "Ta' isfel", Tal-blajjet, limiti Zebbiegh**
cirka 1T.0S.6K. - 1236 metru kwadru
Item (10) + Item (11)
Lm 4200.

12. **"Tan-Nofs", Tal-Blajjet, limiti Zebbiegh**
cirka 1T.2S.2K. - 1533 metru kwadru
**13. "Ta' Fuq", Tal-Blajjet, limiti Zebbiegh**
crika 1T.3S.5K. -
Item (12) + Item (13)

**14. "Tal-Hajjes", Bingemma, limiti Mgarr**
cirka 0T.1S.0K. -

**15. "Tal-Hotba", Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.1S.5K. -

**16. “Tal-Hotba”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.1S.5K. -

**17. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 1T.1S.2K. -
**18. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.5S.2K. -
Item (17) + Item (18)

**19. “Ta’ Fuq l-Ghar”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 1T.4S.1K. -
**20. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.5S.4K. -
Item (19) + Item (20)

**21. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 1T.3S.7K. -

**22. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 1T.1S.1K. -
**23. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.5S.7K. -
Item (22) + Item (23)

**24. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 1T.0S.4K. -
**25. “Tal-Hames Sieghan”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.5S.2K. -
**26. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.5S.5K. -
**27. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.3S.4K. -
**28. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.2S.5K. -
Item (24) sa Item (28)

**29. “Tal-Irdum”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.2S.7K. -
**30. “Tal-Irdum”, Tat-Tafal, Bingemma**
cirka 0T.4S.0K. -
**31. “Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**

cirka 2T.2S.0K. -
Item (29) sa Item (31)

31.Ghal skop ta’ divizjoni l-gheliqi gew imqassma fi tmien porzjonijiet, b’valur ta’ Lm4200 ghal kull porzjon, kif indikat hawn taht:

**Porzjoni 1**

**9) “Tal-Busbesija”, limiti Mosta**
Dok. P1 1T.2S.0K. - 1499 m.kw.
Lm 1400.
22+23) **“Tat-Tafal”, Tat-Tafal, limiti Bingemma**
Dok. P4 2T.0S.8K. - 2398m.kw.
2800.

Lm 4200.

**Porzjon 2**

10+11) **“Ta’ Isfel”, Tal-Blajjet, limiti Zebbiegh**
Dok. P2 3T.0S.0K. - 337m.kw.
Lm 4200.

**Porzjon 3**

12+13) **“Tan-Nofs” u “Ta’ Fuq”, Tal-Blajjet, limiti Zebbiegh**
Dok. P2 2T.5S.7K. - 3316 m.kw.
Lm 2100.
21) **“Tat-Tafal”, Tat-Tafal, Bingemma**
Dok. P4 1T.3S.7K. - 1817 m.kw.
2100.

Lm 4200.

**Porzjon 4**

14) **“Tal-Hajjes”, Bingemma, limiti Mgarr**

**Dok. P3** 0T.1S.0K. - 187 m.kw.
Lm 600.
16) **"Tal-Hotba", Tat-Tafal, Bingemma**
**Dok. P4** 0T.1S.5K. - 281 m.kw.
600.
17+18)**"Tat-Tafal", Tat-Tafal, Bingemma**
**Dok. P4** 2T.0S.4K. - 2323 m.kw.
3000.

Lm 4200.

**Porzjon 5**

15) **"Tal-Hotba", Tat-Tafal, Bingemma**
**Dok. P4** 3T.2S.1K. - 3766 m.kw.
Lm 4200.

**Porzjon 6**

19+20) **"Ta' Fuq l-Ghar", Tat-Tafal, Bingemma**
**Dok. P4** 2T.3S.5K.

**Porzjon 7**

24 sa 28)**"Tat-Tafal" u "Tal-Hames Sieghan", Tat-Tafal, Bingemma**
**Dok. P4** 3T.5S.0K.

**Porzjon 8**

29 sa 31) "Tal-Irdum" u "Tat-Tafal", Tat-Tafal, Bingemma
**Dok. P4** 3T.2S.7K. - 3878 m.kw. Lm
4200…

… L-ghelieqi kollha gew stmati mill-esponent kif indikat f'para. 30 ta' din ir-relazzjoni b'valur komplessiv li jammonta ghas-somma ta' **Lm33,600.**
L-ghelieqi gew raggruppati u maqsuma fi tmien porzjonijiet, kif indikat f'para. 31 ta' din ir-relazzjoni, b'mod

li l-prezz relattiv ta’ kull porzjoni jammonta ghas-somma ta’ **Lm4200….”**

Rat ukoll nota tal-A.I.C. Albert Fenech li fiha semma li:
“Il-valutazzjoni separata tal-ghalqa “Ta’ Isfel”, Tal-Blajjet, Zebbiegh, Numru: 10 u Numru: 10A, u tal-ghalqa adjacenti Numru:11, kienet kif indikat hawn taht:

Numru: 10
Lm 1500.
Numru: 10A
Lm 200.
Numru: 11
Lm 2500.

Lm 4200.”

Gie prezentat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo li fih semmiet:

**“R. KONKLUZJONI**

91. In vista ta’ dak kollu fuq premess, l-esponenti tissottometti bl-akbar rispett, fil-konfront tat-talbiet attrici, illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha: -

(1) tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia` ezistenti bejn Giuseppi u Marianna konjugi Vella, kienet tikkonsisti fis-segwenti proprjetajiet : - l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art maghrufa bhala ta’ Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art ta’ 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; id-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; nofs indiviz tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b’zewg gardiniet mieghu; u nofs indiviz tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta;

(2) tilqa’ t-tieni talba attrici u xxolji u tiddividi l-komunjoni ta’ l-akkwisti ga` ezistenti bejn Giuseppi u Marianna konjugi Vella, f’zewg porzjonijiet ugwali, konsistenti kull wahda minnhom f’nofs indiviz ta’ l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art maghrufa bhala ta’ Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art ta’ 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; nofs indiviz ta’ tad-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; kwart indiviz tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b’zewg gardiniet mieghu; u kwart indiviz tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta, u tassenja wahda minn dawn il-porzjonijiet lill-assi partikolari ta’ Giuseppi Vella u l-ohra lill-assi partikolari ta’ Marianna Vella;

(3) tilqa’ t-tielet talba attrici u tillikwida l-assi partikolari ta’ Giuseppi Vella billi tiddikjara illi dan jikkonsisti f’nofs indiviz ta’ l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art maghrufa bhala ta’ Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art ta’ 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; nofs indiviz ta’ tad-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; tliet kwarti indivizi tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b’zewg gardiniet mieghu; tliet kwarti indivizi tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta; l-art maghrufa bhala tal-Blajjet (immarkata bin-numri 10 sa 13 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1) salv ghal erba' sighan illi jirrizulta, ai termini ta' kuntratt tal-25 ta' Lulju 1970 (Dok. QQ1), illi jappartjenu lill-konvenut Vincenzo Vella; l-art maghrufa bhala tal-Hajjet (immarkata bin-numru 14 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art maghrufa bhala tal-Qasab (immarkata bin-numri 17, 18, 20 u 21 fuq

il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art maghrufa bhala tan-Nejfa (immarkata bin-numri 22 sa 28 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); u l-art maghrufa bhala l-Irdum immarkata bin-numri 29 sa 31 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1);

(4) tilqa' r-raba' talba attrici u tillikwida l-assi partikolari ta' Marianna Vella billi tiddikjara illi dan jikkonsisti f'nofs indiviz ta' l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art maghrufa bhala ta' Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art ta' 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; nofs indiviz ta' tad-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; kwart indiviz tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b'zewg gardiniet mieghu; kwart indiviz tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta; ammont ta' elf disa' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm 1,927.81) illi rrizultaw depozitati f'isem l-istess Marianna Vella fid-data tal-mewt taghha u ammont ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm 1,200.00) illi l-konvenut Gio Maria Vella ghandu jigi ordnat illi jivversa fl-assi ereditarju ta' ommu Marianna Vella, galadarba ma ngabitx prova da parti ta' l-istess konvenut illi huwa ghamel xi benefikati fil-fond f'Bingemma, kif rikjest minn ommu, u kif ser jigi dispost aktar 'il quddiem;

(5) tilqa' l-hames u s-sitt talbiet attrici, u dan billi : -

a. fl-ewwel lok, tordna lill-konvenut Gio Maria Vella sabiex, ai termini tad-dispozizzjoni tat-Tielet Artikolu tat-Testment tal-15 ta' Ottubru 1977 (Dok. ID9) ta' Marianna Vella, jivversa fl-assi ereditarju ta' l-istess Marianna Vella, is-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm 1,200.00) sabiex tigi diviza bejn l-eredi kollha taghha u cioe` Giovanna Vassallo, Vincenzo Vella, Emmanuele Vella, Domenica Stansfield, Carmela Debono u Theresa Debono, fis-somma ta' mitejn Lira Maltin (Lm 200.00) kull wiehed;

a. fit-tieni lok, tordna illi jigi onorat il-prelegat imholli mid-defunt Giuseppi Vella lill-attrici Giovanna Vassallo, u tordna ghalhekk li din tigi immessa fil-pussess tal-proprjeta` assoluta ta' hames sighan raba' mit-terren ighidulu "Ta' Nejfa" limiti ta' l-Imgarr, Malta, separata mill-bqija tar-raba' madwarhom b'sinjali ta' gebel fl-art, imissu dawn il-hames sighan raba' mill-majjistral ma' raba' ta' Giuseppa Vella jghidulha "Ta' Mahlutu", mit-tramuntana ma' raba' ta' l-istess testatur u mir-rih isfel ma' raba' ta' persuna isimha mhux maghruf izda illi akkwistat il-proprjeta` minghand Antonio Sant;

b. fit-tielet lok, tordna illi jigu onorati l-prelegati mhollija lill-attrici Giovanna Vassallo minn ommha t-testatrici Marianna Vella, u tordna kwindi li l-istess Giovanna Vassallo tigi immessa fil-pussess tas-segwenti: -

i. Lokazzjoni ta' l-ghalqa "Ta' Delia" sive "Ta' Delina" fil-limiti ta' l-Imgarr, tal-kejl superficjali ta' circa tomnejn u tliet sighan, proprjeta` ta' l-eredi tas-Sur Giuseppe Dei Conti Sant Cassia, dejjem bl-obbligu illi f'kaz illi Teresa Debono tirritorna Malta, l-istess Giovanna Vassallo tikkoncedi t-tomna denominata "Ta' Delia" jew "Ta' Delina" fil-limiti ta' l-Imgarr ta' Malta, illi kienet, fiz-zmien tat-testment koltivata mill-istess Giovanna Vassallo;

ii. kwart indiviz, tal-proprjeta` u benefikati tal-fondi 254, 256 u 268, gewwa Main Street, Mosta;

filwaqt illi jigi dikjarat illi l-prelegati u legati ohra mhollija lill-attrici Giovanna Vassallo, flimkien mad-debiti dovuti lill-istess Giovanna Vassallo ghall-pagamenti minnha maghmula in konnessjoni ma' spejjez funerarji u taxxa tas-successjoni ta' ommha Marianna Vella, qed jigu pacuti ma' l-ammonti illi kienu jkunu talvolta minnha pagabbli in linea ta' ekwiparazzjoni, ai termini tas-segwenti assenjazzjoni;

c. fir-raba’ lok, tiddividi l-assi ereditarju ta’ l-imsemmija Giuseppi u Marianna konjugi Vella fis-segwenti porzjonijiet: -

i. Porzjon illi tikkonsisti fi tliet kwarti indivizi tal-fondi 254, 256 u 258, Triq il-Kbira, Mosta, li tigi assenjata lill-attrici Giovanna Vassallo bl-obbligu illi hija thallas lill-eredita` in linea ta’ ekwiparazzjoni s-somma ta’ ghaxart elef disa’ mija u dsatax-il Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm 10,919.69), sabiex dan l-ammont jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti Vincenzo Vella, Gio Maria Vella, Emmanuel Vella, Domenica Stansfield, Theresa Debono, u Carmen Debono, illi ghandhom ghalhekk jircievu s-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) ;

ii. Zewg porzjonijiet bil-valur ta’ Lm 4212.50 kull wiehed, sabiex jigu assenjati bix-xorti lil Pasquale sive Pasqualino Debono u Mary Micallef: -

a. **L-Ewwel Porzjoni**: - l-art maghrufa bhala l-Irdum immarkata bin-numri 29 sa 31 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1), li giet assenjata valur ta’ erbat elef u mitejn Lira Maltin (Lm 4,200.00) u pagament ta’ Lm 12.50 biex tigi maghmula l-porzjon fil-valur intier taghha;

b. **It-Tieni Porzjoni**: - l-art maghrufa bhala tal-Blajjet ta’ Isfel, limitatament ghal dik il-parti mmarkata bin-numru 11, fir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Albert Fenech u n-Nota sussegwenti tieghu, flimkien ma’ tal-Blajjet tan-Nofs u tal-Blajjet ta’ Fuq, b’valur komplessiv ta’ erbat elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm 4,600.00), bid-dover ta’ hlas lill-eredita` ta’ Giuseppe Vella, in linea ta’ ekwiparazzjoni fl-ammont ta’ tliet mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 387.50) ;

iii. Sitt porzjonijiet sabiex jigu assenjati lill-kontendenti Gio Maria Vella, Vincenzo Vella, Emmanuele Vella, Domenica Stansfield, Carmela Debono u Theresa Debono, bix-xorti bejniethom : -

a. **L-Ewwel Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Qasab, immarkata bin-numri 17, 18, fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) b'valur ta' tlett elef Lira Maltin (Lm 3,000.00) bl-obbligu tal-hlas ta' ekwiparazzjoni lill-ereditajiet ta' tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 33.33); flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma ; oltre ghas-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta' ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

b. **It-Tieni Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Qasab, immarkata bin-numru 20, fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) flimkien ma' l-art tal-Bizbija, immarkata bin-numru 9 mill-Perit Albert Fenech fir-Relazzjoni tieghu, b'valur komplessiv ta' elfejn u disa' mitt Lira Maltin (Lm 2,900.00) flimkien ma' pagament ulterjuri ta' sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 66.67) in linea ta' ekwiparazzjoni; flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta' ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

c. **It-Tielet Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Qasab, immarkata bin-numru 21, fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1), flimkien ma' l-art maghrufa bhala tal-Hotba, immarkata bin-numru 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1), b'valur ta' elfejn u seba' mitt Lira Maltin (Lm 2,700.00), flimkien ma' hlas in kontanti ta' mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 266.67) in linea ta' ekwiparazzjoni; flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-

somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

d. **Ir-Raba’ Porzjon** : - L-art maghrufa bhala ta’ Fuq l-Ghar, immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) bil-valur ta’ elfejn u seba’ mitt Lira Maltin (Lm 2,700.00), flimkien ma’ hlas tas-somma ta’ mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 266.67) in linea ta’ ekwiparazzjoni; flimkien ma’ sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

e. **Il-Hames Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Hotba, immarkata bin-numru15 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) b’valur ta’ erbat elef u mitejn Lira Maltin (Lm 4,200.00), bl-obbligu tal-hlas lill-ereditajiet, in linea ta’ ekwiparazzjoni ta’ l-ammont ta’ elf mitejn u tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 1233.33); flimkien ma’ sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

f. **Is-Sitt Porzjon** : - L-art maghrufa bhala « Ta’ Isfel », Tal-Blajjet, limiti taz-Zebbiegh, senjatament il-proprjetajiet illi gew indikati mill-Perit Albert Fenech bin-numri 10 u 10a, b’din ta’ l-ahhar, per necessita`, soggetta ghad-dritt ta’ passagg ta’ terzi; flimkien ma’ l-art maghrufa bhala tal-Hajjet, immarkata bin-numru 14 fir-Rapport tal-Perit Tekniku Albert Fenech (Dok. AF1). B’hekk il-valur komplessiv tal-proprjetajiet f’din il-porzjon huwa ta’ elfejn u tliet mitt Lira Maltin (Lm 2,300.00), li jikkomporta l-obbligu tal-pagament lill-ereditajiet tal-konjugi Vella fl-ammont ta’

sitt mija u sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 666.67) in linea ta' ekwiparazzjoni; flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta' ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

d. fil-hames lok, tordna illi l-bilanc ezistenti fit-23 ta' Jannar 2004, fil-kont mizmum mal-Bank of Valletta plc bin-numru 17207802078, fejn kienu mizmuma l-kirjiet relattivi ghall-fond 258, Triq il-Kbira, Mosta, ghandu jigi mhallas in kwantu ghall-ammont ta' tlieta u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm 23.52) lil kull wiehed mill-kontendenti Carmela Debono, Gio Maria Vella, Vincenzo Vella, Domenica Stansfield, Emanuel Vella u Theresa Debono; is-somma ta' hames mija sitta u hamsin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm 556.85) lill-attrici Giovanna Vassallo, u s-somma ta' mitejn u Lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm 201.62) kull wiehed lill-konvenuti Pasqualino sive Pasquale Debono u Mary Micallef; mentri kull bilanc illi akkumula mill-amministrazzjoni tal-fond 258, Triq il-Kbira, Mosta, wara li jigi diviz il-bilanc ezistenti fit-23 ta' Jannar 2004, ghandu jigi diviz in kwantu ghal sehem ta' tlieta minn tnejn u tletin (3/32) u sehem ulterjuri ta' wiehed minn tmienja u ghoxrin (1/28) lil kull wiehed mis-segwenti kontendenti Giovanna Vassallo, Gio Maria Vella, Vincenzo Vella, Emmanuele Vella, Domenica Stansfield, Carmela Debono u Theresa Debono; u in kwantu ghal sehem ta' tlieta minn erbgha u sittin (3/64) lil kull wiehed miz-zewg kontendenti Pasquale sive Pasqualino Debono u Mary Micallef.

(6) tilqa' s-seba' talbiet attrici, u dan billi tinnomina Nutar sabiex jippubblika kull att opportun, u kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.

Fic-cirkostanzi ta' dina l-kawza, l-esponenti tissottometti umilment illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti kollha, kull wiehed u wahda

proporzjonalment skond is-sehem illi gie lilu jew lilha assenjat.”

Rat id-digriet tas-6 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu l-Perit Legali Dr. Ramona Frendo giet inkarigata taghmel pjan ta’ qasma peress li hemm parti mill-eredita` li ma hemmx suggerimenti fuqha fir-rapport.

Rat ir-rapport Addizzjonali tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo li fih ikkonkludiet:
“**C. KONKLUZJONI**

Ghalhekk, fl-umili fehma ta’ l-esponenti, in-Nota pprezentata mill-atturi Pasqualino Debono u Mary Micallef fid-19 ta’ Mejju 2006, hija legalment ineffettiva ghall-fini ta’ l-atti fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, u bl-ebda mod ma tbiddel il-pozizzjoni tal-partijiet fil-mertu.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-esponenti ma ghandha xejn x’izzid mar-Rapport originali taghha, u qieghda, f’dan l-istadju, tikkonferma pjenament l-istess.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:
“l-appellant jilmenta, u f’dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F’okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta’ din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero’ tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b’mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-

fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz".
[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim'Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:
"Issa huwa pacifiku f' kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967;

Huwa minnu illi skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. "Dan pero` ma tistax taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" - "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" - "**Benjamin Camilleri *nomine* -vs- Charles Debattista *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001."

Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:

"Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681] , madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et].

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi mressqa quddiem il-Periti u kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti.

Rat in-noti tat-3 ta' April 2007 u 25 ta' April 2007.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-Qorti thoss li ghandha tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti bejn Giuseppi u Marianna konjugi Vella, kienet tikkonsisti fis-segwenti proprjetajiet : - l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art maghrufa bhala ta' Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art ta' 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; id-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; nofs indiviz tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b'zewg gardiniet mieghu; u nofs indiviz tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta.

Tilqa' t-tieni talba attrici u xxolji u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti gja` ezistenti bejn Giuseppi u Marianna konjugi Vella, f'zewg porzjonijiet ugwali, konsistenti kull wahda minnhom f'nofs indiviz ta' l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art maghrufa bhala ta' Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art ta' 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; nofs indiviz ta' tad-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; kwart indiviz tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b'zewg gardiniet mieghu; u kwart indiviz tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta, u tassenja wahda minn dawn il-porzjonijiet lill-assi partikolari ta' Giuseppi Vella u l-ohra lill-assi partikolari ta' Marianna Vella.

Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida l-assi partikolari ta' Giuseppi Vella billi tiddikjara li dan jikkonsisti f'nofs indiviz ta' l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art maghrufa bhala ta' Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta' l-art ta' 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; nofs indiviz ta' tad-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; tliet kwarti indivizi tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b'zewg gardiniet mieghu; tliet kwarti indivizi tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta; l-art maghrufa bhala tal-Blajjet (immarkata bin-numri 10 sa 13 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1) salv ghal erba' sighan illi jirrizulta, ai termini ta' kuntratt tal-25 ta' Lulju 1970 (Dok. QQ1), illi jappartjenu lill-konvenut Vincenzo Vella; l-art maghrufa bhala tal-Hajjet (immarkata bin-numru 14 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art maghrufa bhala tal-Qasab (immarkata bin-numri 17, 18, 20 u 21 fuq il-Pjanta

tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); l-art maghrufa bhala tan-Nejfa (immarkata bin-numri 22 sa 28 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); u l-art maghrufa bhala l-Irdum immarkata bin-numri 29 sa 31 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1).

Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tillikwida l-assi partikolari ta’ Marianna Vella billi tiddikjara illi dan jikkonsisti f’nofs indiviz ta’ l-art tal-Bizbizija (numru 9 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech – Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art maghrufa bhala tal-Hotba, (immarkata bin-numri 15 u 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art maghrufa bhala ta’ Fuq l-Ghar (immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech - Dok. AF1); nofs indiviz ta’ l-art ta’ 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u d-dar li nbniet fuqha; nofs indiviz ta’ tad-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq, li huma kollha mhazen gewwa Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; kwart indiviz tal-fond 254, Triq il-Kbira, Mosta, b’zewg gardiniet mieghu; kwart indiviz tal-fondi 256, Triq il-Kbira, Mosta u 258, Triq il-Kbira, Mosta; ammont ta’ elf disa’ mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm 1,927.81) illi rrizultaw depozitati f’isem l-istess Marianna Vella fid-data tal-mewt taghha u ammont ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm 1,200.00) illi l-konvenut Gio Maria Vella ghandu jigi ordnat illi jivversa fl-assi ereditarju ta’ ommu Marianna Vella, galadarba ma ngabitx prova da parti ta' l-istess konvenut illi huwa ghamel xi benefikati fil-fond f'Bingemma, kif rikjest minn ommu, u kif ser jigi dispost aktar ‘il quddiem.

Tilqa’ l-hames u s-sitt talbiet attrici, u dan billi : -

A. fl-ewwel lok, tordna lill-konvenut Gio Maria Vella sabiex, ai termini tad-dispozizzjoni tat-Tielet Artikolu tat-Testment tal-15 ta’ Ottubru 1977 (Dok. ID9) ta’ Marianna Vella, jivversa fl-assi ereditarju ta’ l-istess Marianna Vella, is-somma ta’ elf u mitejn Lira Maltin (Lm 1,200.00) sabiex tigi diviza bejn l-eredi kollha taghha u cioe` Giovanna Vassallo, Vincenzo Vella, Emmanuele Vella, Domenica Stansfield, Carmela Debono u Theresa Debono, fis-somma ta’ mitejn Lira Maltin (Lm 200.00) kull wiehed;

B. fit-tieni lok, tordna li jigi onorat il-prelegat imholli mid-defunt Giuseppi Vella lill-attrici Giovanna Vassallo, u tordna ghalhekk li din tigi immessa fil-pussess tal-proprjeta` assoluta ta' hames sighan raba' mit-terren ighidulu "Ta' Nejfa" limiti ta' l-Imgarr, Malta, separata mill-bqija tar-raba' madwarhom b'sinjali ta' gebel fl-art, imissu dawn il-hames sighan raba' mill-majjistral ma' raba' ta' Giuseppa Vella jghidulha "Ta' Mahlutu", mit-tramuntana ma' raba' ta' l-istess testatur u mir-rih isfel ma' raba' ta' persuna isimha mhux maghruf izda illi akkwistat il-proprjeta` minghand Antonio Sant;

C. fit-tielet lok, tordna illi jigu onorati l-prelegati mhollija lill-attrici Giovanna Vassallo minn ommha t-testatrici Marianna Vella, u tordna kwindi li l-istess Giovanna Vassallo tigi immessa fil-pussess tas-segwenti:-

i. Lokazzjoni ta' l-ghalqa "Ta' Delia" sive "Ta' Delina" fil-limiti ta' l-Imgarr, tal-kejl superficjali ta' circa tomnejn u tliet sighan, proprjeta` ta' l-eredi tas-Sur Giuseppe Dei Conti Sant Cassia, dejjem bl-obbligu illi f'kaz illi Teresa Debono tirritorna Malta, l-istess Giovanna Vassallo tikkoncedi t-tomna denominata "Ta' Delia" jew "Ta' Delina" fil-limiti ta' l-Imgarr ta' Malta, illi kienet, fiz-zmien tat-testment koltivata mill-istess Giovanna Vassallo;

ii**.** Kwart indiviz, tal-proprjeta` u benefikati tal-fondi 254, 256 u 268, gewwa Main Street, Mosta;

filwaqt illi jigi dikjarat illi l-prelegati u legati ohra mhollija lill-attrici Giovanna Vassallo, flimkien mad-debiti dovuti lill-istess Giovanna Vassallo ghall-pagamenti minnha maghmula in konnessjoni ma' spejjez funerarji u taxxa tas-successjoni ta' ommha Marianna Vella, qed jigu pacuti ma' l-ammonti illi kienu jkunu talvolta minnha pagabbli in linea ta' ekwiparazzjoni, ai termini tas-segwenti assenjazzjoni;

D. fir-raba' lok, tiddividi l-assi ereditarju ta' l-imsemmija Giuseppi u Marianna konjugi Vella fis-segwenti porzjonijiet: -

i. Porzjon illi tikkonsisti fi tliet kwarti indivizi tal-fondi 254, 256 u 258, Triq il-Kbira, Mosta, li tigi assenjata lill-attrici Giovanna Vassallo bl-obbligu illi hija thallas lill-eredita` in linea ta' ekwiparazzjoni s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u dsatax-il Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm 10,919.69), sabiex dan l-ammont jigi diviz ugwalment bejn il-kontendenti Vincenzo Vella, Gio Maria Vella, Emmanuel Vella, Domenica Stansfield, Theresa Debono, u Carmen Debono, illi ghandhom ghalhekk jircievu s-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) ;

ii. Zewg porzjonijiet bil-valur ta' Lm 4212.50 kull wiehed, sabiex jigu assenjati bix-xorti lil Pasquale sive Pasqualino Debono u Mary Micallef: -

a. **L-Ewwel Porzjoni**: - l-art maghrufa bhala l-Irdum immarkata bin-numri 29 sa 31 fil-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1), li giet assenjata valur ta' erbat elef u mitejn Lira Maltin (Lm 4,200.00) u pagament ta' Lm 12.50 biex tigi maghmula l-porzjon fil-valur intier taghha;

b. **It-Tieni Porzjoni**: - l-art maghrufa bhala tal-Blajjet ta' Isfel, limitatament ghal dik il-parti mmarkata bin-numru 11, fir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku Albert Fenech u n-Nota sussegwenti tieghu, flimkien ma' tal-Blajjet tan-Nofs u tal-Blajjet ta' Fuq, b'valur komplessiv ta' erbat elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm 4,600.00), bid-dover ta' hlas lill-eredita` ta' Giuseppe Vella, in linea ta' ekwiparazzjoni fl-ammont ta' tliet mija u sebgha u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm 387.50) ;

iii. Sitt porzjonijiet sabiex jigu assenjati lill-kontendenti Gio Maria Vella, Vincenzo Vella, Emmanuele Vella, Domenica Stansfield, Carmela Debono u Theresa Debono, bix-xorti bejniethom : -

a. **L-Ewwel Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Qasab, immarkata bin-numri 17, 18, fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) b'valur ta' tlett elef Lira Maltin (Lm 3,000.00) bl-obbligu tal-hlas ta' ekwiparazzjoni lill-

ereditajiet ta’ tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 33.33); flimkien ma’ sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma ; oltre ghas-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

b. **It-Tieni Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Qasab, immarkata bin-numru 20, fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) flimkien ma’ l-art tal-Bizbija, immarkata bin-numru 9 mill-Perit Albert Fenech fir-Relazzjoni tieghu, b’valur komplessiv ta’ elfejn u disa’ mitt Lira Maltin (Lm 2,900.00) flimkien ma’ pagament ulterjuri ta’ sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 66.67) in linea ta’ ekwiparazzjoni; flimkien ma’ sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

c. **It-Tielet Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Qasab, immarkata bin-numru 21, fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1), flimkien ma’ l-art maghrufa bhala tal-Hotba, immarkata bin-numru 16 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1), b’valur ta’ elfejn u seba’ mitt Lira Maltin (Lm 2,700.00), flimkien ma’ hlas in kontanti ta’ mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 266.67) in linea ta’ ekwiparazzjoni; flimkien ma’ sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

d. **Ir-Raba' Porzjon** : - L-art maghrufa bhala ta' Fuq l-Ghar, immarkata bin-numru 19 fuq il-Pjanta tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) bil-valur ta' elfejn u seba' mitt Lira Maltin (Lm 2,700.00), flimkien ma' hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 266.67) in linea ta' ekwiparazzjoni; flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta' ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

e. **Il-Hames Porzjon** : - L-art maghrufa bhala tal-Hotba, immarkata bin-numru15 fil-Pjanti tal-Perit Albert Fenech (Dok. AF1) b'valur ta' erbat elef u mitejn Lira Maltin (Lm 4,200.00), bl-obbligu tal-hlas lill-ereditajiet, in linea ta' ekwiparazzjoni ta' l-ammont ta' elf mitejn u tlieta u tletin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm 1233.33); flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa bhala d-dar ta' barra, id-dar ta' gewwa u d-dar ta' fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta' elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta' ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;

f. **Is-Sitt Porzjon** : - L-art maghrufa bhala « Ta' Isfel », Tal-Blajjet, limiti taz-Zebbiegh, senjatament il-proprjetajiet illi gew indikati mill-Perit Albert Fenech bin-numri 10 u 10a, b'din ta' l-ahhar, per necessita`, soggetta ghad-dritt ta' passagg ta' terzi; flimkien ma' l-art maghrufa bhala tal-Hajjet, immarkata bin-numru 14 fir-Rapport tal-Perit Tekniku Albert Fenech (Dok. AF1). B'hekk il-valur komplessiv tal-proprjetajiet f'din il-porzjon huwa ta' elfejn u tliet mitt Lira Maltin (Lm 2,300.00), li jikkomporta l-obbligu tal-pagament lill-ereditajiet tal-konjugi Vella fl-ammont ta' sitt mija u sitta u sittin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm 666.67) in linea ta' ekwiparazzjoni; flimkien ma' sest indiviz fil-fond 1 u 1A, Bingemma Road, Bingemma, u sest indiviz fil-fondi ossia mhazen maghrufa

bhala d-dar ta’ barra, id-dar ta’ gewwa u d-dar ta’ fuq gewwa s-Sqaq fi Triq Bingemma, Bingemma; oltre ghas-somma ta’ elf tmien mija u dsatax-il Lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm 1,819.94) in linea ta’ ekwiparazzjoni minghand l-attrici Giovanna Vassallo;
a. fil-hames lok, tordna li l-bilanc ezistenti fit-23 ta’ Jannar 2004, fil-kont mizmum mal-Bank of Valletta plc bin-numru 17207802078, fejn kienu mizmuma l-kirjiet relattivi ghall-fond 258, Triq il-Kbira, Mosta, ghandu jigi mhallas in kwantu ghall-ammont ta’ tlieta u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm 23.52) lil kull wiehed mill-kontendenti Carmela Debono, Gio Maria Vella, Vincenzo Vella, Domenica Stansfield, Emanuel Vella u Theresa Debono; is-somma ta’ hames mija sitta u hamsin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm 556.85) lill-attrici Giovanna Vassallo, u s-somma ta’ mitejn u Lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm 201.62) kull wiehed lill-konvenuti Pasqualino sive Pasquale Debono u Mary Micallef; mentri kull bilanc illi akkumula mill-amministrazzjoni tal-fond 258, Triq il-Kbira, Mosta, wara li jigi diviz il-bilanc ezistenti fit-23 ta’ Jannar 2004, ghandu jigi diviz in kwantu ghal sehem ta’ tlieta minn tnejn u tletin (3/32) u sehem ulterjuri ta’ wiehed minn tmienja u ghoxrin (1/28) lil kull wiehed mis-segwenti kontendenti Giovanna Vassallo, Gio Maria Vella, Vincenzo Vella, Emmanuele Vella, Domenica Stansfield, Carmela Debono u Theresa Debono; u in kwantu ghal sehem ta’ tlieta minn erbgha u sittin (3/64) lil kull wiehed miz-zewg kontendenti Pasquale sive Pasqualino Debono u Mary Micallef.

Tilqa’ s-seba’ talba attrici, u dan billi tinnomina lin-Nutar Dr. Maria Spiteri biex tippubblika l-att opportun, u bhala kuratur lil Dr. Pierre Lofaro biex jidher ghall-eventwali kontumaci.

Il-Qorti rriflettiet fuq is-suggerimenti u kummenti tan-noti a fol 477 u 480 izda ma thossx li tista’ tvarja mir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport minhabba li tista’ tikkawza zbilanc fuq l-aspetti l-ohra.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-kontendenti kollha, kull wiehed u wahda proporzjonalment skond is-sehem illi gie lilu jew lilha assenjat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------